# Taħriġ fil-qari għal-livell sekondarju

Gaetano Calleja

**Ħafna drabi jiġri li l-għalliema jirnexxilhom jgħallmu t-teknika ta' kif taqra, iżda min-naħa l-oħra ma jiżviluppawx l-aspett ta' qari kritiku u analitiku fl-istudenti. Ir-riżultat ikun li l-istudenti jaqraw u jifhmu silta ta' qari b'mod superfiċjali u bla wisq attenzjoni għad-dettalji u għal dak li jkun qed jiġi implikat lil hinn mill-kelma stampata.**

**Mir-riċerka tiegħi (1997) sibt li, per eżempju, l-istudenti jsibu diffikultà biex jiddiskriminaw bejn tip ta' informazzjoni u oħra, biex jirriproduċu silta fi kliemhom, u għandhom nuqqas ta' esperjenza dwar dak li qed iseħħ fl-ambjent ta' madwarhom li allura jitfagħhom lura meta jiġu biex jifhmu silta (Sahu u Kar, 1994).**

**F'dan l-artiklu nippreżenta diversi suġġerimenti prattiċi li l-għalliema jistgħu jadottaw fil-klassi biex jgħola l-livell ta' komprensjoni fil-qari ta' l-istudenti. L-ewwel se ngħid x'ħila partikolari nkunu qed nippruvaw niżviluppaw, u mbagħad nagħti xi ideat għal eżerċizzji varji li jkomplu jwessgħu l-għarfien ta' l-istudenti**

> **"L-għalliema jgħallmu t-teknika ta' kif taqra, iżda ma jiżviluppawx l-aspett ta' qari kritiku u analitiku"**



*GAETANO CALLEJA B.Ed. (Bl-Unuri), M.Ed. għandu esperjenza twila u varja fit-tagħlim tal-Malti fil-livell sekondarju. Bħalissa huwa għalliem tal-Malti fil-livell avvanzat fl-iskola Għolja Giovanni Curmi.*

### Biex l-istudenti jagħrfu l-idea prinċipali fis-silta

- Sib frażijiet mis-silta li juru x'tip ta' karattru kellu X.
- Aħseb dwar frażijiet oħra barra mis-silta li jiddeskrivu l-istess karatteristiċi.
- Agħżel il-frażi ewlenija fis-silta/f'kull paragrafu

### Biex jiżviluppaw l-għarfien bejn is-sentenzi

- Aqra s-sentenzi li ġejjin li agħmel sinjal taħt is-suġġett u l-verb prinċipali.
- Għalxiex qed jirreferu l-kliem b'sinjal taħthom?
- Aqsam sentenza twila fi frażijiet iżgħar li lkoll jagħmlu sens fihom infushom.

### Biex jiżviluppaw ħila fl-għażla tat-temi u fl-organizazzjoni tas-silta

- Sib is-sentenza li ma taqbilx mal-kumplament tal-paragrafu.
- Agħti sett ta' sentenzi mħawdin biex l-istudenti jorganizzaw b' mod li jagħmel sens.
- Agħti tabella biex timtela bl-informazzjoni meħudha mis-silta skond fatti, raġunijiet, kawżi, xewqat eċċ.
- Agħti numru, eż. mill-1 sa 10, lil kull idea skond is-sens loġiku tagħhom

### Biex jiżviluppaw il-ħila ta' l-iskimming

- Agħti diversi siltiet qosra biex l-istudenti jissuġġerixxu titlu għal kull silta.
- L-istudenti jaqraw is-silta fuq fuq u jwiegbu mistoqsijiet dwar veru/mhux veru/possibbli/iva/le eċċ. u mbagħad iqabblu l-għażliet tagħhom ma' l-artiklu oriġinali.
- L-istudenti jingħataw numru ta' kliem relatati mas-silta tal-qari u huma jridu jantiċipaw dwar xiex inhi s-silta.

### Biex jiżviluppaw il-ħila ta' l-*iscanning*

- Wara l-qari ta' silta ddettaljata, l-għalliem jitlob informazzjoni speċifika, ngħidu aħna dwar ikel, prezzijiet, ħinijiet eċċ.
- Bl-użu ta' avviżi klassifikati mill-gazzetti ssegwi l-istess proċedura bħal ta' qabel din.
- Qabbel l-informazzjoni minn kolonna A ma' kolonna B.
- L-istudenti jingħataw indiċi biex ifittxu informazzjoni speċifika.

### Biex jiżviluppaw ħila lessikali

- Mis-silta sib sinonimi, antonomi, iponomi u kliem ieħor li b'xi mod jista' jkun relatat.
- Sib il-kliem tekniku. Xi kliem ieħor nistgħu nużaw minfloku.
- Sib il-kliem li fih prefissi jew suffissi. X' użu għadhom dawn?
- Kif tinbidel it-tifsira ta' l-istess kelma użata f' kuntesti differenti?

### Ħila fil-fehem ta' l-argumentazzjoni

- Mis-silta sib il-frażijiet li huma favur/kontra il-kwistjoni.
- Imla dijagramma skond l-informazzjoni mogħtija fis-silta, ngħidu aħna ta' ċifri li jsostnu jew iwaqqgħu l-argument.
- Qabbel aspetti tat-temi varji fis-silta.
- Sib il-konġunzjonijiet użati għall-effett partikolari, bħal 'għaliex','b'hekk', 'minħabba f'hekk', eċċ.

### Biex jevalwaw il-qari b' mod kritiku

- Liema nomi, verbi, aġġettivi jintużaw biex iħallu effett partikolari? X'sinonimi oħra setgħu intużaw, iżda li kienu jħallu togħma differenti fuq il-qarrej.
- Minn liema frażijiet nindunaw li l-kittieb għandu opinjonijiet partikulari dwar is-suġġett?
- Liema strutturi jindikaw is-suġġettivita tal-kittieb?
- Identifika l-użu idjomatiku u proverbjali tal-lingwa fis-silta u għid ma' liema oqsma huwa normalment assoċjat.
- L-istudenti jaqraw żewġ artikli dwar l-istess inċident minn gazzetti differenti biex l-istudenti jqabblu l-interpretazzjonijiet varji.
- L-istudenti jisimgħu intervista, u mbagħad jaqraw rapport tagħha miktub biex jidentifikaw id-differenzi.
- L-istudenti jqabblu l-informazzjoni mogħtija ma' l-istamp jew ritratti provduti jew ippubblikati biex jaraw xi qbil jew kontradizzjoni jista' jkun hemm.

**Dawn huma x'uħud mis-suġġerimenti li wieħed jista' jikkunsidra biex jegħleb il-problemi fil-qari ta' testi bil-Malti.**

## Referenzi


Calleja G. (1997) *Stħarriġ dwar il-kompetenza fl-element ta' għarfien fil-qari ta' testi bil-Malti fil-livell sekondarju.* Teżi ta' l-M.Ed., l-Universita ta' Malta.

Sahu S. u Kar A. (1994). 'Reading comprehension and information processing strategies' in *Journal of Research in Reading* 17:3-18.